**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 18 TA' FRAR, 2002**

**Numru: 11**

**Avviz Nru: 1217/01AE**

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Glenn Debattista u l-istess Glenn Debattista**

**vs**

**Anthony Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas tas-somma ta' disgha mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm928.81), liema ammont jirraprezenta in kwantu ghal Lm10.00 spejjez ta' survey u Lm918.81 spejjez ta' riparazzjoni fuq il-vettura DAK 448 li

minnhom Lm50 thallsu bhala 'excess' mill-attur Glenn Debattista wara l-incident stradali li sehh fl-1 ta' April 2000 gewwa Trqi il-Korp Pijunieri, San Pawl il-Bahar bejn vettura bin-numru DAK 448 misjuqa minn Anouar Mahaouchi u vettura bin-numru FBJ 474 misjuqa  mill-konvenut.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut (fol. 8) li permezz taghha l-konvenut ikkontesta r-responsabbilta ghall-incident tat-traffiku, u fl-istess waqt ressaq kontro-talba li permezz taghha qieghed jitlob minghand l-atturi l-hlas tas-somma ta' tmien mija u tmien liri Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm808.79) hlas ta' danni li huwa sofra fl-incident meritu tal-kawza.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-atturi (fol. 12) ghall-kontro-talba, u li permezz taghha qeghdin jikkontendu:

1. Li l-atturi m'humiex il-legittimi kontraditturi.
2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. L-incident tat-traffiku sehh fl-1 ta' April 2000 gewwa Triq il-Pijunieri, Bugibba.

2. Irrizulta li l-vettura tal-marka Hyundai bin-numru DAK 448 kienet misjuqa minn Anouar Mahaouchi (li baqa' ma xehedx fil-kors tal-proceduri), filwaqt li l-vettura FBJ 474 kienet misjuqa mill-konvenut.

Irrizulta wkoll li fiz-zmien ta' l-incident il-vettura bin-numru DAK 448 kienet assigurata mas-socjeta attrici. Ma jirrizultax li fil-konfront tal-konvenut is-socjeta attrici qatt assumiet xi responsabbilta ghall-incident. Fir-rigward ta' l-attur Glenn Debattista, ma jirrizultax li dan kien b'xi mod responsabbli ghall-incident in kwistjoni. Jidher ghalhekk bic-cjar li l-kontro-talba hija mproponibbli fil-konfront ta' l-atturi, u semmai il-konvenut ghandu jagixxi fil-konfront tas-sewwieq l-iehor (Anouar Mahaouchi).

3. Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:

(a) Il-vetturi nvoluti fl-incident kienu qeghdin jinstaqu f'direzzjoni opposta ta' xulxin.

(b) Il-konvenut qasam il-karreggjata minn fejn kienet ghaddej il-vettura Hyundai Accent bin-numru DAK 448 sabiex jidhol fi Triq Gulju c-Centurjun, Bugibba li hija triq sekondarja.

(c) Il-vettura Hyundai DAK 448 halliet brake marks ta' 22.50 metri (ara skizz markat bhala Dok. MA6).

(d) L-impatt kien qawwi hafna, tant li bid-daqqa l-vettura misjuqa mill-konvenut dahret u giet thares ghal fuq Triq il-Pijunieri.

4. Il-konvenut immarka fuq l-iskizz fejn, fil-fehma tieghu, kienet tinsab il-vettura tieghu fil-hin li sehh l-incident. Huwa xehed li meta sehhet il-habta, il-vettura tieghu kienet wieqfa mat-*traffic island* u peress li kien ghaddej vettura minn fuq ix-xellug tieghu *"bzajt u ghalhekk ma ccaqlaqtx"*. Kompla jghid: *"il-vettura l-ohra DAK 448 ma rajthiex gejja mill-faccata fl-ebda hin….. **L-ewwel darba li ndunajt bl-incident kien mad-daqqa**"* (seduta tas-7 ta' Frar 2002).

Il-verzjoni moghtija mill-konvenut ma tirrizultax mill-okkorrenza li saret mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz:

***"Had commenced a turn into Triq Gulju ic-Centurjun, when all of a sudden vehicle came at a speed and hit him, spinning him round through the impact"***. Imkien ma jissemma li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet wieqfa fil-hin li sehh l-incident.

Mill-iskizz li thejja mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz, jirrizulta li fil-hin ta' l-impatt il-vettura misjuqa mill-konvenut kienet tinsab iktar il-barra fi Triq il-Pijunieri minn kif indika l-konvenut fis-seduta tas-7 ta' Frar 2002. Tant hu hekk li fuq l-iskizz hemm indikat ukoll l-*ispot of impact* li jinsab fi Triq il-Pijunieri.

Meta wiehed iqies it-trajettorja li hadet il-vettura Hyundai Accent, kieku fil-hin ta' l-incident il-konvenut kien jinsab wieqfa fejn immarka fuq l-iskizz, l-incident qatt ma kien isehh.

5. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-provi juru li kuntrarjament ghal dak li xehed il-konvenut, fil-hin ta' l-incident huwa kien ghadu qieghed jaqsam il-karreggjata tas-sewwieq tal-vettura Hyundai Accent bin-numru DAK 448.

6. Ghalkemm huwa minnu u t-Tribunal jemmen li l-vettura Hyundai Accent bin-numru DAK 448 kienet ghaddej b'velocita li teccedi l-erbghin kilometru fis-siegha (kuntrarjament ghal dak

li qal Anouar Mahouachi lill-pulizija), il-velocita ma kenitx il-kawza prossima ta' l-incident. Madankollu, bhala *'main road user'* it-Tribunal is-sewqan tas-sewwieq tal-vettura Hyundai Accent ma jistax jigi kwalifikat bhala li kien il-kawza immedjata u prossima ta' l-incident.

7. Il-konvenut kellu l-obbligu li qabel ma jaghmel manuvra li biha jaqsam triq principali, huwa jieqaf u jaccerta ruhu li jista' jibda u jispicca dik il-manuvra minghajr ma johloq ostakolu ghal *'on coming traffic'*. Il-grad ta' diligenza u prudenza u attenzjoni ta' min irid jaghmel manuvra bhal dik li ghamel il-konvenut, kien jimponi l-obbligu li jcedu ghat-traffiku li jkun gej mill-faccata tieghu u li jkun gahddej fit-triq principali.

Ir-Regolament numru 212 tal-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq jipprovdi:

***"Jekk ma jkunx muri xort'ohra, it-traffiku fit-triq principali gahndu d-dritta fuq it-traffiku li jkun qed jaqsam, li jkun diehel, jew li jkun se jhalli t-triq principali"***.

8. It-Tribunal huwa konvint li l-element determinanti li pprovoka l-incident ma kienx il-velocita' tal-vettura Hyundai Accent, imma l-fatt illi l-konvenut ghogbu jirfes fuq il-

karreggjata li kienet ghaddejja minnha l-vettura l-ohra fil-mument li rifes fuq din il-karreggjata u bil-mod li hekk ghamel.

9. Il-quantum tad-danni ma giex kontestat u jirrizulta sodisfacentement ippruvat.

10. Jifdal il-kwistjoni dwar is-surroga li saret favur is-socjeta attrici. Jirrizulta li fiz-zmien ta' l-incident il-vettura Hyundai Accent bin-numru DAK 448 kienet assigurata mas-socjeta attrici u l-assigurat tas-socjeta attrici kien Glenn Debattista. Tressqu wkoll provi fis-sens li s-socjeta attrici ghamlet tajjeb ghad-danni. Min-naha l-ohra, skond ir-rapport li sar mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz id-dettalji tas-sid tal-vettura Hyundai Accent tnizzlu bhala Raymond Cortis. Gialadarba s-socjeta attrici ghamlet tajjeb ghad-danni, hija giet surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha bis-sahha tal-ligi. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Egard Galea nomine vs John Tanti** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Dicembru 1991, fejn inghad: *"dwar l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku da parti tal-attur nomine billi dan ma jinsabx validament surrogat fid-drittijiet tal-parti leza, il-Qorti taghmel riferenza ghall-artikolu 1166(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jinghad espressament li* ***s-surroga ssir ipso jure favur dak obbligat ma' ohrajn jew ghal ohrajn ghall-hlas tad-dejn u kellu nteress jhallsu****. Issa minn natura ta' polza ta' assikurazzjoni hekk maghrufa 'comprehensive', l-*

*assikuratur jobbliga ruhu kuntrattwalment mal-assikurat tieghu, li jhallas id-danni kollha li jkunu gew kagunati konsegwenza ta' incident awtomobilistiku jew ghal xi raguni ohra li tkun imsemmija fl-istess polza. Illi fil-kaz in ezami jidher car li t-talba attrici qed issir ghar-rifuzjoni ta' ammont li l-istess attur nomine hallas lil terzi in forza ta' assikurazzjoni vigenti bejnu u l-istess assikurat tieghu. Illi l-interess tal-istess attur nomine li jhallas l-ammont tad-danni jirrizulta wkoll mill-istess polza. Ghalhekk jikkonkorru l-elementi rikjesti mill-artiklu precitat u per konsegwenza l-attur huwa validament surrogat fid-drittijiet tal-assikurat tieghu"* (ara wkoll sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Gunju 1995 fil-kawza **Brian Valenzia noe vs Monica Calleja**). It-Tribunal jikkondividi l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti fl-imsemmija sentenza.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza b'dan il-mod:

1. Jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fi Triq il-Pijunieri, Bugibba.
2. Jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' disgha mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm928.81).

3. Jichad it-talba rikonvenzjonali ntavolata mill-konvenut, salv u mpregudikat kwalsiasi dritt li jista’ ghandu fil-konfront ta’ terzi.

Bl-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**